**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Laqgha Numru 14/K7/2014**

**Introduzzjoni**

L-Erbatax-il Laqgha tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2014 li saret nhar it-Tlieta 26 ta' Awwissu 2014.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30pm.

Prezenti: Is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon, il-Kunsilliera Mark Causon u Charles Cesare u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Ambaxxatur Lokali ghaz-Zghazagh Kurt Mizzi kienu skuzata. **(Ara Dok. 1 u 2)**

Is-Sindku Dean Hili qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fid-19 ta' Awwissu 2014. L-Agenda kienet:

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 13/K7/2014.**
2. **Punti li johorgu mill-Minuti 13/K7/2014.**
3. **Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
4. **Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
5. **Mistoqsijiet.**
6. **Korrispondenza.**
7. **Kumitati Konguntі ta' l-LES u n-NHDJC.**
8. **Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
9. **Aggudikar ta' Tender 03/2014 u Kwotazzjoni 12/2014.**
10. **Tigdid ta' tenders u/jew hrug ta' tenders godda.**
11. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
12. **Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 13/K7/2014.

1.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 13/K7/2014 kifipprezentati.

1.02. Il-Vici s-Sindku Raymond Lanzon issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 13/K7/2014.

2.01. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghad-decizjoni mehuda fil-laqgha tal-Kunsill referenza **Minuti 10/K7/14 item 12.05** fejn ippropona li ladarba l-Kunsill kien ser

jimplementa r-rapport ta' l-MCCAA fejn ser issir tabella fil-Gnien 4 ta' Lulju li tindika li f'kaz ta' bzonn il-harness tal-bandla ghall-persuni bi bzonnijiet specjali tista' tinkiseb mill-Kunsill, allura m'ghadx hemm il-bzonn li l-istess harness jitpogga f'kaxxa apposta u kull min ikun jixtieq jaghmel uzu minnu ghandu jitlob cavetta lill-Kunsill.

2.02. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

2.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.04. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghad-decizjoni mehuda fil-laqgha tal-Kunsill referenza **Minuti 12/K7/14 item 12.36** fejn ippropona li wara li l-librerija qed tinzamm miftuha kuljum, jidher li mhux qed ikun hemm irwejjah t'gheluq u ghalhekk f'dan l-istadju m'ghadx hemm il-htiega li jigu nstallati zewg extraction fans.

2.05. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

2.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.07. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghad-decizjoni mehuda fil-laqgha tal-Kunsill referenza **Minuti 13/K7/14 item 12.04** fejn fakkar lill-membri tal-Kunsill li kien ghadu qed jistenna proposti dwar kif ghandu jintefaq il-premju ta' €1,000.00 mirbuh mill-lokal mill-iskema Greenpak.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 052-2014** - Laqgha mal-Ministru Chris Cardona **(Ara Dok. 3), Internal Memo 053-2014** - Laqgha mas-Seg. Parlamentari Stefan Buontempo **(Ara Dok. 4), Internal Memo 054-2014** - Laqgha ta' konsultazzjoni dwar il-bankina ta' Triq Mandalay **(Ara Dok. 5), Internal Memo 055-2014** - Lista ta' laqghat li saru 13/K7/14 u 14/K7/14. **(Ara Dok. 6)** u Flyer dwar l-attivita' tal-Move Week. **(Ara Dok. 7)**

3.02. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghall-works orders mahruga bejn laqgha u ohra fejn ippropona r-ratifikazzjoni taghhom, liema works orders inhargu skond l-esigenzi li kellu l-Kunsill.

| Order | | Data | Kumpanija | Xoghol |
|---|---|---|---|---|
| 148 | 2014 | 21/07/2014 | G & P Borg | Ordni ta' ramel u siment |
| 149 | 2014 | 21/07/2004 | V. C Service Station | Ordni ta' fuel |
| 150 | 2014 | 24/07/2014 | Koptasin | Tlabna sabiex jipprovdi tabella li tindika li t-triq hija Dead End fi Triq Tunis u Mera fil-kantuniera ta' bejn Triq l-Imhallef William Harding u Triq Emanuel Decelis |
| 153 | 2014 | 25/07/2014 | Albert Micallef Co. Ltd | 2 Skip ghal nhar it-Tnejn 28 ta' Lulju fi Triq il-Mediterran |
| 161 | 2014 | 31/07/2014 | Pembroke Self Service | Ordni ta' drinks u ikel ghal-laqghat tal-Kunsill |
| 162 | 2014 | 31/07/2014 | Borg Cardona | Tlabna tissupplixxi ikel li jinghata lill-qtates abbandunati. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 163 | 2014 | 31/07/2014 | J & K Contractors | Tlabna sabiex jiġi rrangat il-hajt filata gholi fid-dahla ta' Pembroke jigu rrangati diversi cnut u hitan fit-toroq ta' Pembroke |
| 164 | 2014 | 06/08/2014 | Mica Med Ltd | Tlabna sabiex tissewwa bozza maqtugha li hemm fi Triq Don Luigi Rigord bin-numru W014 |
| 165 | 2014 | 07/08/2014 | G & P Borg | Ordni ta' ramel u siment |
| 166 | 2014 | 08/08/2014 | Mica Med Ltd | Tlabna jirranga bozza maqtugha li hemm fi Triq San Patrizju ma' Blokk 1 bin-numru W123. |
| 167 | 2014 | 18/08/2014 | J & K Contractors | Tlabna sabiex jirrenga l-konkos madwar il-gradilji tal-water culvert li hemm fi Triq Triq il-Kurunell Lorenzo Manche' specjalment quddiem dar 46. |
| 168 | 2014 | 20/08/2014 | Infinite Fusion Technologies | Tlabna sabiex jirranga l-bieb tas-Sindku minhabba li wara li kien hemm qtugh ta' dawl, dan ma setax jinfetah. |

3.03. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

3.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.05. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghall-ilmenti li rcieva l-Kunsill fejn ippropona li jigi ordnat ix-xoghol li hemm bzonn isir.

088/13 u 158/13 Il-Kunsill jitlob lill-CM jipprepara rapport ta' liema djar ghandhom sigar u xtieli li qed jostakolaw il-bankini halli eventwalment tintbaghat ittra lil kull familja ndividwali bir-ritratti annessa u jekk fi zmien gimghatejn ma jsir xejn, jitqabbad il-kuntrattur tal-Kunsill biex inehhi l-ingombru u jintbghat il-kont lir-residenti koncernata.

121/13 u 032/14 Il-Kunsill jara kif wahda mill-parking bays ta' Triq Pietru D'Armenia nnaha tal-flattijiet il-godda jsir parkegg ghall-muturi u li jergghu jinzebghu l-parking bays li hemm.

132/13 Jinbidlu t-tabelli li hemm imsadda fuq barra tal-Blokk Sit A Blokki 5 – 11 fi Triq Pietru D'Armenia fejn hemm id-drives taghhom.

157/13 Issir shade mal-lampa W092.

175/13 Nitolbu l-parir u stima minghand il-kuntrattur J&K Contractors Ltd. dwar kif tista' titwessa l-bankina ta' Triq il-Mediterran kantuniera ma' Triq Pietru D'Armenia minhabba li m'hiex wiesa' bizzejjed li jghaddi wheelchair.

198/13 Tigi nstallata mera fi Triq Alamein possibilment ma' Sprachcaffe faccata ta' Triq li taghti ghal Triq Dun Guzepp Farrugia minhabba li ma jarawx it-traffiku li jkun gej mill fejn l-STC.

006/14 Naraw kif il-Perit tal-Kunsill jista' jsib soluzzjoni biex titbaxxa l-hamrija tal-picnic area li hemm tmiss mal-bitha tar-residenti peress li meta taghmel ix-xita jzomm l-ilma.

007/14 Jigu ordnata t-tabelli ta' No Parking fi Triq ANZAC li kienu gew milquta minn

vettura.

009/14 Jitqabbad il-kuntrattur J&K Contractors biex jirranga l-konkos ta' madwar il-crash barrier fi Triq il-President Anton Buttigieg peress li xi hadd laqat il-crash barrier u nqasam il-konkos u l-crash barrier resqet.

022/14 Nitolbu lill-Koptasin biex isiru l-parking bays fi Triq Tunis minhabba li fil-weekends jipparkjaw hafna karozzi u qed ikunu vicin hafna tal-garaxxijiet u ma jkunux jistghu johorgu jew jidhlu.

025/14 Jitqabbad il-kuntrattur J&K Contractors jirranga l-gebel tal-planter li hemm quddiem Blokk 3 fi Triq Bice Mizzi Vassallo minhabba li xi hadd irriversja fuqha.

031/14 Nitkellmu ma' Nature Trust dwar x'tabelli l-ahjar isiru dwar il-protezzjoni tal-hegdehogs specjalment int u hiereg mit-triq tal-Melita FC.

033/14 Issir mera fit-Triq Adeodata Pisani li tigi faccata ta' Triq San Gorg Preca.

037/14 Issir cover mal-bozza bin-numru W086 minhabba li jidhol hafna dawl fil-kamra tas-sodda.

3.06. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

3.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.08. Il-Kunsillier Charles Cesare ppropona li l-Kunsill johrog fuljett informattiv li jitqassam fid-djar kollha tal-lokal dwar liema sigar qed ikun issuggerit li jithawlu kemm fil-privat kif ukoll f'postijiet pubblici, liema inizjattiva tista' tghin biex thajjar aktar residenti jhawwlu sigar fil-lokal.

3.09. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda u zied li huwa lest li jikkompila l-materjal li hemm bzonn.

3.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati hawn fuq.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Dean Hili ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn it-23 ta' Lulju u s-26 ta' Awwissu 2014 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

46/3604/14/I **22/07/2014** Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'referenza ghall-Memo 16/2014 dwar Performance Management fil-Kunsilli Lokali baghtu kwestjonarju biex jimtela u staqsew jekk il-Kunsill jixtieqx jippartecipa fil-

progett pilota.

6.02. B'referenza għall-korrispondenza numru **46/3604/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill għandu jippartecipa f'din l-inizjattiva.

6.03. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3621/14/I **23/07/2014** Email mingħand M-Quip fejn b'referenza għax-xogħol li sar fil-Ġnien 4 ta' Lulju talab sabiex il-Kunsill jikkunsidra li ta' l-inqas sakemm jibgħat iċ-certifikazzjoni l-perit jintbagħat parti mill-pagament.

6.05. B'referenza għall-korrispondenza numru **46/3621/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill japprova li jsir ħlas ta' 50% tal-kont ipprezentat peress li x-xogħol sar kif ukoll li għandha ssir pressjoni akbar mal-Perit tal-Kunsill biex jikkonkludi ċ-ċertifikati ta' dawn ix-xogħlijiet u oħrajn li għad hemm pendenti.

6.06. Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3709/14/I **29/07/2014** Email mingħand il-Perit Kevin Fsadni fejn bagħat pdf ta' survey li kien sar snin ilu fuq il-bankina gdida ta' Triq Burma.

6.08. B'referenza għall-korrispondenza numru **46/3709/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Perit tal-Kunsill għandu jirrevedi l-pjanta proposta biex il-bankina tiġi l-ġewwa mill-linja tat-triq prezenti biex din ma tidjieqx u eventwalment jagħmel l-applikazzjonijiet neċessarja mal-MEPA u ssir laqgħa miegħu sabiex jiġu konklużi serje ta' affarijiet oħra li għad hemm pendenti.

6.09. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3737/14/I **29/07/2014** Email mingħand is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg fejn bagħat artiklu li deher fuq il-gazzetta Times of Malta fejn il-Kunsill Lokali ta' Bormla ġew ordnata mill-qorti biex jergħu jibdew l-aggudikazzjoni tal-kuntratt ta' tindif ta' toroq fid-dawl li l-irħas offerent kien jidher ċar li bil-prezz offrut kien ser iħaddem bil-prekarjat.

6.11. B'referenza għall-korrispondenza numru **46/3737/14/I** is-Sindku Dean Hili ġibed l-attenzjoni tal-membri tal-Kunsill tant sabiex il-membri tal-Kunsill ikunu lkoll informati.

46/3742/14/I **30/07/2014** Email mingħand il-Kunsillier Mark Causon fejn bagħat kopja t'email li rċieva mingħand is-sinjura Caroline Nathan sabiex tkun diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill fejn talbet biex tieħu ħsieb għas-spejjeż tagħha biċċa art li hemm fil-kantuniera fi Triq Tunis viċin il-klabb ta' Pembroke Athleta u talbet ukoll sabiex sakemm jaqbdu l-pjanti li ser jinżergħu tagħmel fence ta' l-injam biex ma jinsterqux.

6.12. B'referenza għall-korrispondenza numru **46/3742/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jiltaqa' mal-persuna konċernata fejn tiġi nfurmata li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għat-talba tagħha abbażi li dan qed isir mingħajr ebda pretenzjoni, li jinżergħu xitel u mhux siġar kif ukoll li dak li ser jitħawwel ikun jista' jinqala' f'każ li l-Kunsill ikun ser jagħmel bankina gdida.

6.13. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3749/14/I **30/07/2014** Email minghand il-WasteServ fejn b'referenza ghall-email tal-Kunsill dwar il-kuntratt tal-Bring in Sites informaw lill-Kunsill li WasteServ m'ghandiex l-intenzjoni li ggedded il-kuntratti u wara 31 ta' Lulju il-Bring in Sites se jaqghu taht ir-responsabilita' tal-Kunsill.

46/3829/14/I **05/08/2014** Email minghand is-Segretarjat ta' l-Onor. Ministru Leo Brincat jistaqsu l-pozizzjoni tal-Kunsill dwar talba li saret minn Pembroke Athleta fejn talbu biex titpogga skip ghar-riciklagg tal-plastik biswit il-facilitajiet tal-klabb.

6.15. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/3749/14/I u 46/3829/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jitlob laqgha ma' l-Onor. Ministru Leo Brincat sabiex il-Kunsill jigi gwidat dwar kif il-kumpanija WasteServ behsieba tipprocedi dwar id-diversi siti li hawn fil-lokal inkluz il-finanzjament ghaz-zamma u l-manutenzjoni taghhom.

6.16. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3756/14/I **30/07/2014** Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn talbu lis-Segretarji Ezekuttivi sabiex jimlew il-formola annessa li qraw il-contracts circulars 11/2014 u 19/2013 fejn hemm indikat li ghall-kuntratti b'valur taht il-€500,000 eskluz il-VAT, l-esperjenza qed tkun eskluza mill-process t'evalwazzjoni.

6.18. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/3756/14/I** is-Sindku Dean Hili gibed l-attenzjoni tal-membri tal-Kunsill tant sabiex il-membri tal-Kunsill ikunu lkoll informati.

46/3787/14/I **01/08/2014** Email minghand Ms. Angela Borg titlob li jigu rrangati kaptelli tal-konkos li hemm fuq il-bankina fi Triq il-Kurunell Cocks quddiem maisonettes 19, 21, 23 u 25.

6.19. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/3787/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jitlob lill-kuntrattur J&K Contractors biex jara kif jistghu jigu rrangata dawn il-kaptelli fuq is-service culvert.

6.20. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3799/14/I **04/08/2014** Artiklu li gie ppubblikat fuq Times of Malta fejn jaghti l-impressjoni li l-Kunsill Lokali Pembroke kien passiv u m'ghamel xejn biex jitnehha l-periklu fejn kienet mietet tfajla Russa sentejn ilu.

6.22. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/3799/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li galadarba din m'hijiex l-ewwel darba l'inaghtat din l-impressjoni, il-Kunsill ghandu jikteb lill-gurnal u jibghat dokumentazzjoni ufficjali minn fejn jirrizulta li s-sit innifsu huwa fil-fatt gewwa San Giljan, ghal kuntrarju ta' dak li dejjem allega l-Kunsill Lokali ta' San Giljan.

6.23. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/3820/14/I **05/08/2014** Email minghand il-Vici s-Sindku Raymond Lanzon dwar l-attivita' Move Week 2014.

46/3975/14/I **19/08/2014** Email minghand il-KMS dwar attivita' li ser jaghmlu b'konnessjoni mal-Move Week 2014 bit-titlu Walk the Towers 2014.

6.25. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/3820/14/I u 46/3975/14/I** is-Sindku Dean Hili talab il-kummenti tal-Vici s-Sindku Raymond Lanzon.

6.26. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li l-Kunsill jorganizza mixja madwar il-lokal nhar il-Hadd 5 ta' Ottubru 2014 fid-9.00am fejn il-partecipanti ser jigu mhegga jaghmlu kontribuzzjoni ta' €2.00 li ser tmur b'risq l-Istrina 2014. Il-kelliem irrakkomanda li jsir komunikat ma' l-entitajiet kollha tal-lokal fejn jigu mhegga jippartecipaw. Dwar l-attivita' Walk the Towers il-kelliem irrimarka li ma kien jaf xejn dwarha u rrakkomanda li jsir komunikat ma' l-MTA biex jerga' jibda jinxteghel it-Torri tal-Madliena.

6.27. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.28. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| 46/3824/14/I **05/08/2014** | Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'referenza ghall-korrispondenza li rcievew minghand Dr. Joseph Brincat dwar il-problema ta' parkegg fi Triq Patri Indri Vella talab ninfurmawha x'azzjoni ser jiehu l-Kunsill. |
| 46/3900/14/I **11/08/2014** | Proposti minghand il-CM Raphael Carabott biex tinstab soluzzjoni ghall-parking quddiem garaxxijiet fi Triq Patri Indri Vella fejn qed ikun issuggerit li jsiru double yellow lines quddiem il-garaxxijiet kollha u jitnehhew il-yellow broken lines, jitnehhew il-hawkers tal-haxix u jitnehha ngobru li jitpogga mis-sidien tal-hwienet quddiem il-propjetajiet taghhom. |

6.29. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/3824/46/I u 46/3900/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ghandu jitlob il-permess ta' TM biex fil-post ta' bejn il-garaxx u d-drive in tal-familja Brincat ghandha ssir parking bay ghall-parkegg ghall-muturi.

6.30. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.31. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| 46/3828/14/I **05/08/2014** | Stima minghand M Quip Co. Ltd. biex jigi rrangat il-vandalizmu li sar fi Gnien 4 ta' Lulju li tammonta ghal €323.72. |
| 46/3846/14/I **06/08/2014** | Email minghand il-Perit Kevin Fsadni jinforma lill-Kunsill li saret spezzjoni mal-kuntrattur M Quip Co. Ltd. dwar ix-xoghol li sar fil-Gnien 4 ta' Lulju, fejn irrizulta li hemm xi xoghol x'isir u qed jistaqsi lill-Kunsill jekk hemmx approvazzjoni ghal dan. |

6.32. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/3828/14/I u 46/3846/14/I** is-Sindku Dean Hili talab il-kummenti tal-membri tal-Kunsill.

6.33. Wara diskussjoni li saret, is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill japprova din l-istima kif ukoll li maghha tizdied il-provvista ta' l-litter bin peress li gie misruq.

6.34. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| 46/3831/14/I **05/08/2014** | Email minghand TM jinfurmaw lill-Kunsill li l-Kunsill ghandu japplika mal-Korporazzjoni Enemalta ghall-arlogg tad-dawl biex tkun tista' tithaddem il-pellican crossing li ser titwahhal minn TM fi Triq il-Profs Walter Ganado. |

6.36. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/3831/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jirratifika din l-approvazzjoni.

6.37. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.38. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| 46/3891/14/I<br>**11/08/2014** | Email minghand l-Ghaqda Poeti Maltin fejn qed iheggu l-Kunsilli jorganizzaw lejla ta' qari ta' poeziji. |

6.39. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/3891/14/I** is-Sindku Dean Hili talab il-kummenti minghand il-Kunsillier Mark Causon.

6.40. Il-Kunsillier Mark Causon ippropona li attivita' simili tista' ssir fil-Fortizza b'kollaborazzjoni mal-Verdala International School li tkun tinvolvi bhal open day tal-Fortizza. Ghalhekk ippropona wkoll li jsir komunikat ma' l-Ghaqda Poeti Maltin sabiex tinstab data addattata.

6.41. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.42. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| 46/3894/14/I<br>**11/08/2014** | Email minghand Lara Jo Portelli fejn informat lill-Kunsill li nhar il-Hamis 31 ta' Lulju 2014 waqt li kienet ghaddeja minn Triq Tobruk waqghet fergha fuq il-windscreen u qed titlob li tkun kkumpensata minhabba li hija responsabilita' tal-Kunsill li jizbor is-sigar. |

6.43. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/3894/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li fid-dawl li l-post minn fejn waqghet il-fergha s-sigra jidher li huwa propjeta' mikrija lil TM, Ms. Portelli ghandha tigi mitluba tibghat it-talba taghha lil TM.

6.44. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.45. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| 46/3905/14/I<br>**12/08/2014** | Email minghand Transport Malta fejn informaw lill-Kunsill li TM ma ssibx oggezzjoni li jsiru road markings u tabelli proposti mill-Kunsill fejn l-iskola tal-Verdala fi Triq Cassino. |

6.46. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/3905/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jordna dawn il-marki u tabelli tat-traffiku fi Triq Cassino.

6.47. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.48. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| 46/3907/14/I<br>**12/08/2014** | Email minghand is-Sur Raphael Carabott fejn baghat lista aggornata u ritratti ta' kull sit tal-bicciet t'artijiet pubblici. |

6.49. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/3907/14/I** is-Sindku Dean Hili wara li talab il-kummenti tal-membri tal-Kunsill, ippropona li dan ir-rapport ghandu jigi diskuss informalment nhar l-Erbgha 3 ta' Settembru 2014 bejn il-membri tal-Kunsill.

6.50. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.51. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| 46/3936/14/I<br>**18/08/2014** | Email minghand Ms. Dorianne Ciappara fejn qed titlob li tigi rrangata l-kurduna tal-bankina fi Triq Pietru D'Armenia li taghti ghall-Blokk B12 minhabba li hija gholja. |

6.52. B'referenza għall-korrispondenza numru **46/3936/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li għandu jitqabbad il-kuntrattur J&K Contractors Ltd. biex titbaxxa l-kurduna u tiġi ffurmata targa aktar baxxa.

6.53. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.54. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4003/14/I **21/08/2014** Email mingħand is-Sindku Dean Hili fejn bagħat ritratt ta' struttura li twaħħlet ġewwa Raħal Ġdid bħala shelter għal qtates u fuq talba ta' residenta qed jissuġġerixxi li jsir xi ħaġa simili fiż-żona ta' San Patrizju.

6.55. B'referenza għall-korrispondenza numru **46/4003/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill għandu jagħmel dawn l-istrutturi, jinxtara l-materjal u x-xogħol isir permezz tal-ħaddiem tal-ETC allokat lill-Kunsill.

6.56. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.57. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4012/14/I **21/08/2014** Email mingħand il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat tistaqsi dwar għala qed jingabru biss 5 items ta' Bulky Refuse minn kull dar.

6.58. B'referenza għall-korrispondenza numru **46/4012/14/I** is-Sindku Dean Hili talab il-kummenti tal-membri tal-Kunsill u wara diskussjoni ppropona li l-policy dwar ġbir ta' skart goff għandha tkun li l-kuntrattur tal-Kunsill jiġbor sa ħames items kbar kull darba li jżur residenza fil-lokal.

6.59. Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.60. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4041/14/I **22/08/2014** Email mingħand TM jinfurmaw lill-Kunsill li ma jsibux oġġezzjoni li jitneħħa l-parkeġġ f'parti minn Triq Camillo Sceberras kif mitlub mill-Kunsill liema permess huwa għall-prova ta' ġimgħa u għandu jsir permezz ta' tabelli.

6.61. B'referenza għall-korrispondenza numru **46/4041/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill għandu jinstalla dawn it-tabelli u jitneħħew il-parking bays li hemm fuq bażi ta' prova.

6.62. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.63. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4063/14/I **25/08/2014** Email mingħand l-artist Alfred Gatt joffri s-servizz tiegħu lill-Kunsill b'pittura ta' l-arloġġ ta' Pembroke għall-prezz ta' €50.00.

6.64. B'referenza għall-korrispondenza numru **46/4063/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jinforma lis-sur Gatt li f'dan l-istadju l-Kunsill mhux interessat.

6.65. Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.66. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4084/14/I **25/08/2014** Email mingħand l-MCA jitolbu li jagħmlu użu mis-sala tal-Kunsill bejn it-13 u s-17 ta' Ottubru bejn il-5.00pm u 9.00pm kif ukoll darba fil-weekend tul il-ġurnata kollha biex jippromwovu l-inizjattiva Codeweek, li hija dwar il-lingwa użata fit-teknoloġija ta' llum il-ġurnata.

6.67. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4084/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li peress li s-sala diga qed tintuza ghall-korsijiet ohra ta' l-istess MCA, il-Kunsill mhux f'pozizzjoni li jilqa' t-talba taghhom ghalkemm ikun interessat li jippartecipa s-sena li gejja.

6.68. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.69. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4094/14/I **26/08/2014** Proposta minghand il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ghal tabelli nnovattivi dwar gbir ta' hmieg tal-klieb.

6.70. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4094/14/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jitlob lill-Ambaxxatur taz-Zghazagh Kurt Mizzi biex jipprovdi lill-Kunsill disinn simili biex ikun jista' jigi printjat fuq tabelli simili li jitwahhlu fil-lokal.

6.71. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda u zied li ma dawn it-tabelli jistghu isiru dawk dwar il-harsien tal-qanfud u l-gurdien ta' geddumu twil protett li hemm fuq ix-xaghri.

6.72. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.73. Fuq mistoqsija tas-Sindku Dean Hili dwar fejn ghandhom jitwahhlu dawn it-tabelli, il-Kunsillier Mark Causon irrakkomanda li 2 ghandhom jitwahhlu quddiem il-Fortizza, 3 tul Triq il-Mediterran, 2 Triq Suffolk u 2 fi Triq Giorgio Mitrovich. Il-kelliem offra li jipprovdi stampi u kliem li ghandu jintuza bhala gwida.

6.74. Wara diskussjoni li kien hemm dwar l-indafa fil-lokal specjalment fiz-zona mhux urbana, il-Vici Sindku Raymond Lanzon irrimarka li l-CM Raphael Carabott ghandu bzonn li jkun aktar vigilanti fuq il-kuntratturi.

## 07. Kumitati Konguntі ta' l-LES, Kumitat Regjonali u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-membri tal-Kunsill ghall-Minuti tal-laqghat ta' dawn il-kumitati.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Peress li ma kienx hemm proposti godda s-Sindku Dean Hili ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 09. Aggudikar ta' Tender 03/2014 u Kwotazzjoni 12/2014.

9.01. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghall-**Internal Memo 051/2014** u ghal-laqgha tal-Kunsill precedenti fejn kien talab lill-membri tal-Kunsill Evelyn Vella Brincat, Mark Causon u Charles Cesare biex jippruvaw isibu hin u jaraw l-offerti halli sal-laqgha li jmiss tal-Kunsill ikun jista' jiltaqa' l-Bord ta' l-Ghazla peress li l-laqgha li kien hemm skedata kienu attendew biss huwa, il-Vici Sindku Raymond Lanzon u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg, fejn irrimarka li dawn il-Kunsilliera ghad ma rawx dawn l-offerti u ghalhekk il-laqgha tal-Bord ta' l-Ghazla ma setghetx tigi appuntata.

9.02. Wara diskussjoni s-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ilaqqa' l-Bord ta' l-Ghazla nhar l-Erbgha 3 ta' Settembru 2014 fis-1.30pm.

9.03. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

9.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.05. Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-kuntratt ezistenti ghall-gbir ta' skart ghandu jibqa' jiggedded xahar b'xahar sakemm jigi aggudikat u jibda jithaddem il-kuntratt il-gdid.

9.06. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

9.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Tigdid ta' tenders u/jew hrug ta' tenders godda.

10.01. Is-Sindku Dean Hili gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li Tender 2011/06 - Tender for Upkeep, Maintenance, Construction & Reconstruction of Roads and Pavements (J&K Contractors), Tender 2011/07 - Tender for Upkeep, Maintenance, Construction & Reconstruction of Roads (Ell's Urban Services) ser jiskadi fil-31/12/2014 u Tender 2011/09 - Tender for Upkeep & Maintenance of Traffic Signs (Koptasin) ser jiskadu fil-31/12/2014 u hemm bzonn li jinhargu godda. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li dawn it-tenders ghandhom jinhargu godda, li l-avvizi jigu ppubblikata fuq il-gurnali Times of Malta, The Malta Independent, Il-Kullhadd, Il-Mument u l-Gazzetta tal-Gvern, li l-mizata ghal kull dokument ghandha tkun ta' **€50.00** kif ukoll li jekk hemm xi membri tal-Kunsill li jixtiequ li jkun hemm xi emendi fl-ispecifikazzjonijiet tat-tenders, dawn ghandhom jintbaghtu lis-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill. Il-kelliem fakkar lill-membri tal-Kunsill li l-ispecifikazzjonijiet ezistenti digà kienu gew ccirkolati lill-membri tal-Kunsill.

10.02. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.04. Is-Sindku Dean Hili gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li Tender 2012/01 - Tender for Upkeep Maintenance of Parks & Gardens (Charlie Mifsud) ser jiskadi fil-11/11/2014 l'izda jista' jigi mgedded b'sena ohra; li Tender 2013/11 - Tender for Upkeep & Maintenance of Road Markings (Koptasin) ser jiskadi fil-31/01/2015 izda li jista' jigi mgedded b'sena ohra, u s-servizz tal-Librara (Lara Calleja) ser jiskadi fil-31/12/2014, fuq liema servizz m'hemmx tender izda biss ftehim ta' servizz bejn il-Kunsill u d-Dipartiment tal-Libreriji. Fid-dawl ta' dan, il-kelliem ippropona li Tender 2012/01, Tender 2013/11 u s-servizz tal-Librara ghandhom jiggeddu ghall-perjodu ta' sena ohra.

10.05. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.07. Dwar is-suggett tal-librerija, il-Kunsillier Mark Causon informa lill-Kunsill li huwa kien ikkomunika mas-sur Steve Borg biex jizdiedu s-sieghat kif ukoll li l-Kunsill jixtieq li l-librerija tikber u minn librerija lokali ssir librerija Regjonali minhabba li l-konkorrenza m'hijiex bizzejjed. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jikteb f'dan is-sens kif ukoll li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni jekk id-Dipartiment ihoss li l-librerija pubblika tigi trasferita f'xi skola statali biex tkun tista' tikber.

10.08. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Approvazzjoni tal-kontijiet.

11.01. Is-Sindku Dean Hili pprezenta l-iskeda tad-dhul u hrug. **(Ara Dok. 8, 9, 10, 11, 12, 13 u 14)**

11.02. Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ipprezentati, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentata bit-tnaqqis propost ghajr il-hlasijiet referenza 645, 648 u 649, referenza 646 jithallas 50% kif approvat aktar kmieni filwaqt li kontijiet referenza 647, 650 u 651 ma jigux imhallsa peress li l-Kunsill ghad qed jistenna c-certifikat tal-Perit tal-Kunsill.

11.03. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

11.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. Materji ohra.

12.01. Il-Kunsillier Mark Causon ippropona li tinzabar sigra gholja tal-palm li hemm biswit House 1, Triq Wesghet ix-Xelter.

12.02. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

12.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.04. Is-Sindku Dean Hili ppropona li jigu mmarkati double yellow lines fil-kantunieri f'Wesgħet ix-Xelter.

12.05. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

12.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.07. Is-Sindku Dean Hili rrakkomanda li mal-blokki ta' zmien is-servizzi li hemm fiz-zoni ta' St. Patricks, St. Andrews u St. Georges, ghandhom isiru tabelli ornamentali li jindikaw in-numri tal-blokki. Wara diskussjoni li saret il-kelliem ippropona li l-Kunsill iqabbad lill-kuntrattur J&K Contractors biex dawk li tqaxxru ghandom jergghu jinzebghu u dawk li qatt ma saru jergghu jinzebghu bl-iswed kif kienu saru fi żmien l-Inglizi.

12.08. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

12.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.10. Il-Kunsillier Mark Cuson staqsa dwar l-istat tax-xoghol fuq il-giebja ta' St. Patricks.

12.11. Il-Kunsillier Charles Cesare nforma lill-Kunsill li huwa kien ghamel spezzjoni mal-kuntrattur tal-Kunsill fejn irrizulta li l-giebja qatt ma sar xoghol tajjeb fiha u trid tinkesha peress li lanqas hija miksija. Il-kelliem irrimarka wkoll li hemm possibilita' li jkun hemm bzonn li jinghata qiegh tal-konkos u ghalhekk kif kien approva l-Kunsill, huwa talab lill-kuntrattur biex jibghat stima dettaljata tax-xoghol li hemm bzonn isir. Finalment il-kelliem irrimarka li jekk tigi rragata l-giebja, ic-cavetta ghandha tkun biss ghand il-Kunsill.

12.12. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet infurmatu li tixtieq li jsiru tabelli No Parking on The Grass, Speed limit signs fin-Non Urban Roads u ohrajn dwar il-qniefed.

12.13. Il-Kunsillier Mark Causon irrimarka li tabelli ta' No Parking on the Grass ghandhom jehlu fi Triq il-Mediterran u Triq Gabriele Henin u dan sabiex jitnehhew l-opri tal-bahar li hemm f'din it-triq.

12.14. Wara diskussjoni li kien hemm, il-Kunsillier Mark Causon ippropona li dwar it-tabelli fuq iz-zona ta' Natura 2000, ghandha ssir talba lill-Management Committee li qed jiehu hsieb iz-zona.

12.15. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

12.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

***12.17. Fit-8.15pm, il-Kunsillier Charles Cesare talab li jigi skuzat u halla l-kamra.***

12.18. Il-Kunsillier Mark Causon staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi dwar is-sitwazzjoni tal-problema ta' l-ilma f'St. Patricks.

12.19. Is-Sindku Dean Hili rrimarka li fil-jiem li ghaddew kien sar komunikat mas-sur Rennie Mercieca li dderiga l-Kunsill ghas-sur Joe Abdilla fi hdan il-WSC, liema entita' qed jindagaw ghala qed ikun hemm din il-problema ghand dawn iz-zewg familji f'St. Patricks.

12.20. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-hajt li gie rrangat fil-parkegg ta' quddiem l-ITS rega' intlaqat minn xi vettura kbira. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Dean Hili ppropona li dan il-hajt ghandu jerga' jigi rrangat.

12.21. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

12.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.23. Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-passagg li hemm bejn il-Kunsill u l-istore ghandu jinghalaq permezz ta' grada u fence. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jixtri dan il-materjal u x-xoghol isir mill-haddiem ta' l-ETC assenjat mal-Kunsill.

12.24. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

12.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.26. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-mera ta' Triq Tunis regghet giet ivvandalizzata. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Dean Hili ppropona li tigi ordnata din il-mera.

12.27. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

12.28. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.29. Is-Sindku Dean Hili fakkar lill-Kunsill li dwar il-bankina proposta fi Triq Mandalay, il-Kunsill talab lill-Perit tal-Kunsill biex jiltaqa' ma' resident konċernat dwar il-wisa' tat-triq.

12.30. Dwar l-attivita' li kien hemm proposta ghal Ghawdex, il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li minhabba nuqqas ta' konkorrenza, din ghandha tithassar.

12.31. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

12.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.33. Is-Sindku Dean Hili ghalaq il-laqgha fit-8.30pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 23 ta' Settembru 2014 fil-5.30pm.

Avv. Dean Hili
*Sindku*

23/9/2014
Kevin Borg
*Segretarju Ezekuttiv*

Dok 1

## Pembroke Local Council at DLG

**From:** Evelyn Vella Brincat [evelynvellabrincat@gmail.com]
**Sent:** 26 August 2014 10:40
**To:** Pembroke Local Council at DLG
**Subject:** Today's council meeting

Dear Kevin

I ask to be excused from the Council's meeting today as I am due for a brain scan at Mater Dei Hospital and since this uses nuclear medicine, i have been instructed that I am to keep away from the public for at least 24 hours.
In my absence please discuss the bulky refuse system for our locality, i propose that there is no fixed number of items attached to this.
I also wish to propose our council to be the first to install particular sign re dog poo which i will be forwarding to you to present later on today.

Thank you

Evelyn

No virus found in this message.
Checked by AVG - www.avg.com
Version: 10.0.1432 / Virus Database: 3955/7601 - Release Date: 08/26/14

46/4084/14/II

## Pembroke Local Council at DLG

**From:** Evelyn Vella Brincat [evevb@go.net.mt]
**Sent:** 26 August 2014 11:18
**To:** Pembroke Local Council at DLG
**Subject:** Fwd:

Dear Kevin,

Please present this to the council as a sign that i propose we should be the first in malta to introduce this sign.

Thank you

Evelyn

Sent from my iPad

Begin forwarded message:

> **From:** Evelyn Vella Brincat <evevb@go.net.mt>
> **Date:** 26 August 2014 11:14:31 GMT+02:00
> **To:** Evelyn Vella Brincat <evelyn@vellabrincat.com>
>
> Sent from my iPad




---

No virus found in this message.
Checked by AVG - www.avg.com
Version: 10.0.1432 / Virus Database: 3955/7601 - Release Date: 08/26/14

**Pembroke Local Council at DLG**

Dok 2

**From:** Kurt Mizzi [kurtinusmizzi@gmail.com]
**Sent:** 26 August 2014 17:21
**To:** Pembroke Local Council at DLG

Ghaziz segretarju,

Nixtieq niskuza ruhi talli ma nistax nattendi ghal laqgha tal-illum ghaliex ghandi affarijiet personali ohra pjanati.

Grazzi,
Kurt Mizzi

**Kurt Mizzi**
***Youth Ambassador, Pembroke Malta***

Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail

No virus found in this message.
Checked by AVG - www.avg.com
Version: 10.0.1432 / Virus Database: 3955/7601 - Release Date: 08/26/14

48/41011/147 I

Dok 3

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Internal Memo Referenza 052/2014**

**24 ta' Lulju 2014**

# Laqgħa mal-Ministru Chris Cardona

Il-laqgħa saret nhar il-Ġimgħa 18 ta' Lulju 2014 fil-11.30am, fil-Bini tal-Parlament. Preżenti għall-Kunsill kien hemm is-Sindku Dean Hili, il-Viċi Sindku Raymond Lanzon u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg.

**Is-suġġett prinċipali kien l-iżvilupp taż-żona tal-White Rocks**

L-Onor. Cardona nforma lill-Kunsill li l-Gvern qed jara li jkun hemm l-aħjar użu mis-sit mingħajr ma jkun hemm spekulazzjoni inkluż protezzjoni tal-madwar fostom taż-żona Natura 2000 u t-Torri tal-Madliena. Il-Kunsill ġie mwiegħed li ser jinżamm infurmat bl-iżviluppi li ser ikun hemm il-quddiem wara li tagħlaq l-Expression of Interest.

Il-laqgħa ntemmet fin-12.30pm.

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

***Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera***

PEMBROKE

During a meeting held on Friday 18th July, with the Minister for the Economy, Investment and Small Business, Dr. Chris Cardona, the below points were discussed:

1. The White Rocks Malta Expression of Interest includes a planned location analysis which highlights all the ecological and historical sensitive areas on the site. This was specifically done so that those interested can blend their innovative ideas with the environmental aspects, particularly the ecological aspects.
